

Brussell, 3 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10653/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0266 (NLE)

PECHE 251

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 502 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 502 final.

Mehmuż: COM(2018) 502 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.7.2018
COM(2018) 502 final

2018/0266 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea daħal fis-seħħ fit-18 ta' April 2008. Il-Protokoll attwali tal-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2013 u se jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018.

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni nneqozjat mal-Gvern tal-Kosta tal-Avorju bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju². Wara dawn in-negozjati, ġie inizjalat Protokoll ġdid fis-16 ta' Marzu 2018. Il-Protokoll ikopri perjodu ta' sitt snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data li fiha jkun iffirmat, kif huwa indikat fl-Artikolu 13.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Il-Protokoll il-ġdid għandu l-għan ewlieni li lill-bastimenti tal-Unjoni jagħtihom opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju, skont l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u filwaqt li jirrispetta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Dan il-Protokoll il-ġdid jikkunsidra r-riżultati ta' evalwazzjoni tal-aħħar Protokoll (2013-2018) u ta' valutazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. It-tnejn li huma twettqu minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jaħdmu flimkien aktar mill-qrib biex jippromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju u se jappoġġa l-isforzi tal-Kosta tal-Avorju biex tiżviluppa l-ekonomija blu tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jistipula opportunitajiet tas-sajd f'dawn il-kategoriji:

- 28 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun mgħammra bi friżer;
- 8 bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ.

• Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

In-negozjar ta' Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd mal-Kosta tal-Avorju jaqa' fil-qasam tal-azzjoni esterna tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-AKP, u jqis b'mod partikolari l-għanijiet tal-Unjoni dwar ir-rispett tal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem.

2. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Il-valutazzjonijiet *ex post*/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni *ex post* tal-Protokoll attwali tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosta tal-Avorju, kif ukoll valutazzjoni

¹ Adottati waqt it-3595 laqgħa tal-Kunsill tal-Edukazzjoni taż-Żgħażaġħ, tal-Kultura u tal-Isport tal-15 ta' Frar 2018.

² ĠU L 170, 22.6.2013, p. 2.

ex ante tat-tiġdid potenzjali tal-Protokoll. Is-sejbiet tal-valutazzjoni huma ppreżentati f' dokument ta' ħidma separat¹.

Il-valutazzjoni kkonkludiet li s-settur tas-sajd tat-tonn tal-Unjoni għandu interess qawwi fil-possibbiltà li jeżerċita l-attività tiegħu fil-Kosta tal-Avorju u li t-tiġdid tal-Protokoll se jgħin biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-monitoraġġ, tal-kontroll u tas-sorveljanza, u se jikkontribwixxi għat-titjib fil-governanza tas-sajd fir-reġjun. L-importanza ta' Abidjan bħala wieħed mill-portijiet tal-ħatt l-art u wieħed mill-postijiet ewlenin għall-ipproċessar fl-Afrika tal-Punent, tikkontribwixxi għall-merti tal-Protokoll il-ġdid previst, kemm għas-setturi tas-sajd tat-tonn tal-UE kif ukoll għall-pajjiż sieħeb.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

1. L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tal-industrija, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u s-soċjetà ċivili tal-Kosta tal-Avorju ġew ikkonsultati bħala parti mill-valutazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali hija ta' EUR 682 000, abbażi ta':

a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 5 500 tunnellata, li għalih ġie stabbilit ammont marbut mal-aċċess ta' EUR 330 000 għall-ewwel sentejn tal-applikazzjoni tal-Protokoll u EUR 275 000 għas-snin li jkun fadal (mit-tielet sas-sitt sena);

(b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd tar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju li jammonta għal EUR 352 000 kull sena għall-ewwel sentejn tal-applikazzjoni tal-Protokoll u EUR 407 000 għas-snin li jkun fadal (mit-tielet sas-sitt sena). Dan l-appoġġ huwa konformi mal-għanijiet tal-politika nazzjonali fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd kontinentali u tal-baħar tal-Kosta tal-Avorju.

¹ SWD (2017) 446 final, 12.12.2017

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea (2018–2024)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 242/2008¹ dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem, "il-Ftehim")², u dan il-Ftehim imbagħad iġġedded b'mod taċitu u għadu fis-seħħ.
- (2) Il-Protokoll attwali tal-Ftehim, li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim, jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2018,
- (3) Il-Kummissjoni nneozjat, f'isem l-Unjoni Ewropea, Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem, "il-Protokoll"). Wara dawn in-neozjati, ġie inizjalat abbozz ta' Protokoll ġdid fis-16 ta' Marzu 2018,
- (4) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jaħdmu aktar mill-qrib fuq il-promozzjoni ta' politika tas-sajd sostenibbli, l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju, u l-isforzi tal-Kosta tal-Avorju biex tiżviluppa ekonomija blu sostenibbli,
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li jiġi awtorizzat l-iffirmar tal-Protokoll,
- (6) Sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr, jenħtieġ li l-Protokoll jiġi applikat b'mod proviżorju mill-iffirmar tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju huwa awtorizzat mill-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 75, 18.03.2008, p. 51-52.

² ĠU L 48, 22.02.2008, p. 41-45.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrumenti bis-setgħa sħiħa li jawtorizzaw il-persuna/i indikata/i min-negozjatur tal-Protokoll biex tiffirma/jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Ftehim għandu jiġi applikat b'mod proviżorju, skont l-Artikolu 13 tiegħu, mid-data tal-iffirmar tiegħu, sakemm jidħol fis-seħħ.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Qasam / oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju
- 1.7. Metodu/i ta' ġestjoni previst(i):

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar:
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll:
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti:*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u l-Komunità Ewropea.

1.2. Qasam / oqsm ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM / ABB¹

11 – Affarijiet Marittimi u Sajd

11.03 – Kontribuzzjonijiet obligatorji għal organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u għal organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u għal ftehimiet tas-sajd sostenibbli

11.03.01 - Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

X Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva għandha x'taqsam ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja²**

Il-proposta / inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta / inizjattiva tirrigwarda **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. *L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) mal-pajjiżi terzi jissodisfaw l-għan ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għaż-żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tinbena sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiżguraw ukoll konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji li jsiru f'politiki oħra Ewropej (l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali u governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd).

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi u l-attività/attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i*

Għan speċifiku

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet li mhumiex tal-Unjoni Ewropea, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nneozjati u konklużi Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli ma' Stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

¹ ABM: *Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività (Activity-Based Management)* – ABB: *Ibbaġitjar Ibbażat fuq l-Attività (Activity-Based Budgeting)*.

² Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Attività/attivitàjiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-affarijiet marittimi u s-sajd, sabiex jinbena qafas ta' governanza għall-attivitàjiet tas-sajd li jagħmlu l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (Ftehimiet tas-Sajd Sostenibbli) (il-linja baġitarja 11.03.01).

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva jenħtieġ tħalli fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Bil-konklużjoni tal-Protokoll tkun tista' tissawwar sħubija strateġika dwar is-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju. Bil-konklużjoni tal-Protokoll se jinħolqu opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju.

Il-Protokoll se jikkontribwixxi wkoll għal ġestjoni u konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz ta' appoġġ finanzjarju (appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari fejn jidhru l-monitoraġġ u l-ġlieda kontra s-sajd illegali u għall-appoġġ tas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Protokoll se jikkontribwixxi għall-ekonomija blu tal-Kosta tal-Avorju, il-promozzjoni tat-*tkabbir* marbut mal-attivitàjiet marittimi u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar tagħha.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala persentaġġ tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll);

Id-*data* tal-qabda (ġbir u analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjiegi u għall-valur miżjud fl-UE u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-UE (flimkien ma' SFPAs oħrajn);

Il-kontribuzzjoni għat-titjib tar-riċerka, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitàjiet tas-sajd tal-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd, l-aktar dak fuq skala żgħira.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li għandu/hom jiġi/u ssodisfat(i) fi żmien qasir jew twil

Hu maħsub li l-Protokoll il-ġdid jibda japplika b'mod proviżorju mid-*data* li fiha jiġi ffirmat ħalli l-operazzjonijiet tas-sajd li għaddejjin taħt il-Protokoll attwali ma jiġux interrotti.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitàjiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-UE japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex jistadu f'dik iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid isaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, bil-*ħsieb* li jippromwovi l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli. B'mod partikolari, dan jistipula monitoraġġ tal-bastimenti permezz tas-sistema tal-VMS u, fil-*ġejjieni*, it-trażmissjoni elettronika tad-*data* dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli skont il-Protokoll se jgħin lir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju fl-istrateġija nazzjonali tas-sajd tagħha, inkluża fil-*ġlieda* kontra s-sajd IUU.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-UE*

Jekk l-Unjoni ma tikkonkludix il-Protokoll il-ġdid, il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħux jeżerċitaw l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jseħħux fi ħdan il-qafas definit minn protokoll tal-Ftehim. Il-valur miżjud huwa għalhekk espliċitu għall-flotta tal-UE fuq distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa mal-UE.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

B'analiżi tal-qabdiet fil-passat fiż-żona tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u tal-qabdiet riċenti fil-qafas ta' protokoll simili f'dan ir-reġjun, kif ukoll bil-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli, il-partijiet irnexxielhom jistabbilixxu tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għal speċijiet li jixbhuh ta' 5 500 tunnellata fis-sena b'opportunitajiet tas-sajd għal 28 bastiment tas-sajd li jużaw it-tartarun tal-borża mgħammra bi friża u għal 8 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wieċ. L-appoġġ settorjali ġie stabbilit f'livell relattivament għoli sabiex jitqiesu l-bżonn li tissawwar il-kapaċità tal-awtoritajiet tas-sajd tal-Kosta tal-Avorju u l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd, kif ukoll il-pjanijiet għall-appoġġ tal-ekonomija blu ta' dan l-Istat kostali.

1.5.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-fondi mħallsin skont il-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali tal-Kosta tal-Avorju. Madankollu, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati (ġeneralment bir-reġistrazzjoni fil-liġi annwali tal-finanzi) lill-Ministeru responsabbli għas-Sajd, u din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u l-monitoraġġ tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament mingħand donaturi oħra ta' fondi internazzjonali biex jitwettqu proġetti u/jew programmi fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

X Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

- Proposta/inizjattiva b'effett minn [DD/MM]YYYY sa [DD/MM]YYYY
- Impatt finanzjarju minn YYYY sa YYYY

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn YYYY sa YYYY,
- segwita b'operat fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' ġestjoni ppjanat(i)³

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu ddelegati lil:

- pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;
- organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);
- il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- il-korpi li jissemmew fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- korpi tal-liġi pubblika;
- korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-
Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn modulu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsimha tal-
"Kummenti".*

Kummenti

--

³ Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rapportar:

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni (DG MARE, id f'id mal-uffiċjal tas-sajd tagħha bbażat fir-reġjun – Dakar, is-Senegal) se tiżgura l-monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-Protokoll, fejn jidħlu l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-operaturi u d-data dwar il-qabdiet, u kif ukoll ir-rispett tal-kundizzjonijiet tal-appoġġ settorjali.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd jistipula mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt, li fiha l-Kummissjoni u r-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju jeżaminaw mill-ġdid l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u, jekk ikun meħtieġ, jaġġustaw il-programmazzjoni u, jekk ikun il-każ, il-kontribuzzjoni finanzjarja.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll:

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u nuqqas ta' użu jew dewmien fl-użu tal-fondi maħsuba għall-finanzjament tal-politika settorjali tas-sajd mill-Kosta tal-Avorju.

2.2.2. Tagħrif fuq it-twaqqif tas-sistema ta' kontroll intern

Qed jiġi ppjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali prevista fil-Ftehim u fil-Protokoll. Bħala parti minn dawn il-metodi ta' kontroll se ssir ukoll analiżi konġunta tar-riżultati, imsemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll.

Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll fihom klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, skont ċertu kundizzjonijiet u f'ċertu ċirkustanzi.

2.2.3. Stima tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet:

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.

Il-Kummissjoni tintrabat li tistabbilixxi djalogu politiku mar-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju u li tikkoordina b'mod regolari ma' dan il-pajjiż bil-ħsieb li ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u li ssaħħaħ il-kontribut tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kwalunkwe pagament li jsir mill-Kummissjoni taħt Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd huwa soġġett għar-regoli u l-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-kont bankarju tal-pajjiżi terzi fejn titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja jiġi identifikat bis-sħiħ. L-Artikolu 3(8) tal-Protokoll jistipula li l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess għandha titħallas lit-Teżor pubbliku tal-Kosta tal-Avorju u li l-parti intiża għall-iżvilupp tas-settur titħallas f'kont apposta għal dan il-għan, miftuħ mal-bank tat-Teżor pubbliku tal-Kosta tal-Avorju.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	Diff / Mhux diff. (9)	minn pajjiżi tal-EFTA ¹⁰	minn pajjiżi kandidati ¹¹	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2	11.03.01 L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd li jagħmlu l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi (Ftehimiet tas-Sajd Sostenibbli)	DIFF.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	Diff / Mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

⁹ Diff. = Approprazzjonijiet diffrenzjati / Mhux diff. = Approprazzjonijiet mhux diffrenzjati

¹⁰ L-EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

¹¹ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	Numru 2	Tkabbir Sostenibbli: riżorsi naturali
---	---------	---------------------------------------

DĠ: MARE			Sena 2018 ¹²	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
• Approprijazzjonijiet operazzjonali									
Numru tal-linja baġitarja 11.0301	Impenji	(1)	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
	Pagamenti	(2)	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
Approprijazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹³									
Numru tal-linja baġitarja		(3)							
TOTAL ta' approprijazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1+1a+3	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
	Pagamenti	=2+2a+3	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092

¹² Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

•TOTAL operazzjonali	tal-approprjazzjonijiet	Impenji	(4)	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
		Pagamenti	(5)	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva			(6)							
ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi										
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali		Impenji	=4+ 6	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
		Pagamenti	=5+ 6	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092

Jekk iżjed minn intestatura waħda hija affettwata mill-proposta/mill-inizjattiva:

•TOTAL operazzjonali	tal-approprjazzjonijiet	Impenji	(4)							
		Pagamenti	(5)							
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva			(6)							
ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi										
TOTAL ta' approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)		Impenji	=4+ 6							
		Pagamenti	=5+ 6							

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali:	5	“Nefqa amministrattiva”
---	----------	-------------------------

f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022		
DĠ: MARE								
• Riżorsi umani (AD+AST)								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL TAD-DĠ MARE	Appropriazzjonijiet							

TOTAL ta' appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)							
---	-------------------------------------	--	--	--	--	--	--	--

f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	TOTAL
TOTAL ta' appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092
	Pagamenti	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	0,682	4,092

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet għall-impjenji f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020		Sena 2021		Sena 2022		Sena 2023		TOTAL		
	↓	Tip ¹⁴	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
L-GĦAN SPEĊIFIKU Nru 1 ¹⁵ ...																	
- Aċċess	Annwa			0,330		0,330		0,275		0,275		0,275		0,275			1,760
- Settorjali	Annwa			0,352		0,352		0,407		0,407		0,407		0,407			2,332
- Riżultat																	
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1				0,682		0,682		0,682		0,682		0,682		0,682			4,092
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2 ...																	
- Riżultat																	
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																	
KOST TOTALI				0,682		0,682		0,682		0,682		0,682		0,682			4,092

¹⁴ Ir-riżultati huma prodotti u servizzi li jridu jiġu fornuti (eż. l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

¹⁵ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/speċifiki...".

3.2.3. Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt decimale)

	Sena N ¹⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	----------------------	----------	----------	----------	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa amministrattiva oħra							
Subtotal tal-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

tar-riżorsi li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5¹⁷ tal-qafas finanzjarju pluriennali							
Riżorsi umani							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva							
Subtotal Riżorsi li jaqgħu barra l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali							

TOTAL							
--------------	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti bl-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ġew riallokati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

¹⁶ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

¹⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'apport għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

- X Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani:
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
•Karigi previsti fil-pjan ta' twaqqif (uffiċjali u aġenti temporanji)							
XX 01 01 01 (Kwartieri ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (għar-riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (għar-riċerka diretta)							
•Persunal estern (f'ekwivalenti għal full-time - FTE)¹⁸							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 yy ¹⁹	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jagħmel tajjeb għalihom il-persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà tqassam mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	L-implimentazzjoni tal-Protokoll (pagamenti, l-aċċess għal bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjonijiet għas-sajd), it-tħejjija u s-segwitu ta' Kumitati Konġunti) tħejjija għat-tiġdid tal-Protokoll: l-evalwazzjoni esterna, il-proċeduri leġiżlattivi, in-negozjati.
Persunal estern	Implimentazzjoni tal-Protokoll: kuntatti mal-awtoritajiet tal-Kosta tal-Avorju għall-aċċess għal bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-Kosta tal-Avorju, l-ipproċessar tal-awtorizzazzjoni għas-sajd, it-tħejjija u s-segwitu ta' Kumitati Konġunti, b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali.

¹⁸ AC = Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

¹⁹ Sublimitu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali preżenti:*

- X Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- Il-proposta/inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix il-kofinanzjament mingħand partijiet terzi.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva m'għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq id-dħul mixxellanju

f' miljuni ta' Euro (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	L-impatt tal-proposta / inizjattiva ²⁰					
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Sena N+4	Sena N+5
Artikolu							

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu tal-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

²⁰ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.